



Ġabra tal-ġurisprudenza

Digriet tal-Qorti Ġenerali (Ir-Raba' Awla) tal-11 ta' Ġunju 2020 – Lípidos Santiga vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-561/19)

“Rikors għal annullament – Enerġija – Direttiva (UE) 2018/2001 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli – Limitazzjoni tal-użu ta' biokarburanti prodotti minn kulturi intiżi għall-ikel tal-bniedem jew l-animali – Regolament Delegat (UE) 2019/807 – Definizzjoni tal-materji primi b'riskju għoli ta' tibdil indirett fl-użu tal-art (TIUA) – Żejt tal-palm – *Locus standi* – Nuqqas ta' inċidenza diretta – Inammissibbiltà”

1. *Rikors għal annullament – Persuni fiżiċi jew ġuridiċi – Atti leġiżlattivi – Atti li ma jinvolvux miżuri ta' eżekuzzjoni u li jikkonċernaw lir-rikorrent direttament – Kunċett ta' inċidenza diretta – Kriterji – Att li jipproduċi direttament effetti fuq is-sitwazzjoni ġuridika tar-rikorrent – Regolament Delegat tal-Kummissjoni li jiddetermina l-materji primi b'riskju għoli ta' tibdil indirett fl-użu tal-art (TIUA) – Kumpannija rikorrenti li ma tiġġustifikax inċidenza diretta tas-sitwazzjoni tagħha – Inammissibbiltà*

(*Ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE; Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2018/2001, Artikolu 26(2); Regolament Delegat tal-Kummissjoni 2019/807*)

(*ara l-punti 21-23, 28-43, 48, id-dispożittiv 1*)

2. *Rikors għal annullament – Persuni fiżiċi jew ġuridiċi – Atti leġiżlattivi – Atti li ma jinvolvux miżuri ta' eżekuzzjoni u li jikkonċernaw lir-rikorrent direttament – Kunċett ta' inċidenza diretta – Kriterji – Att li jista' jkollu influwenza fuq is-sitwazzjoni materjali tar-rikorrent – Kriterju mhux determinanti*

(*Ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE*)

(*ara l-punti 44-46*)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament parzjali tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/807 tat-13 ta' Marzu 2019 li jissupplimenta d-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tad-determinazzjoni ta' materja prima b'riskju għoli ta' tibdil indirett fl-użu tal-art li għaliha qed tiġi osservata espansjoni sinifikanti taż-żona ta' produzzjoni f'art b'ħażna kbira ta' karbonju u ċ-ċertifikazzjoni ta' bijokarburanti, bijolikwidi u karburanti mill-bijomassa b'riskju baxx ta' tibdil indirett fl-użu tal-art (ĠU 2019, L 133, p. 1).

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud bħala inammissibbli.
- 2) Lípidos Santiga, SA, hija kkundannata għall-ispejjeż.